

Brussell, 26 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9393/25

DEVGEN 74
FIN 555
ACP 30
RELEX 653

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Mejju 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7798/25 + ADD 1	
Suġġett:	Rapport Annwali tal-2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2023 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Mejju 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2023, kif approvati mill-Kunsill fl-4099 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Mejju 2025.

Rapport Annwali tal-2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2023**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jissaħħu s-sħubijiet internazzjonali tal-UE fil-kuntest ta' ambjent dejjem aktar imprevedibbli fil-livell globali. L-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE, l-Arkitettura Finanzjarja Ewropea għall-Iżvilupp (EFAD) u l-istrateġija Global Gateway huma għodod ewlenin biex jitrawmu sħubijiet imsejsa fuq interessi reċiproċi u sjieda fid-dimensjonijiet kollha tal-iżvilupp sostenibbli, li, fost oħrajn, imexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi. Huwa wkoll fl-interess strateġiku tal-UE li tħares il-valuri demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali, tinfed il-paċi u l-istabbiltà u tmexxi 'l quddiem il-prijoritajiet politiċi tal-UE, fosthom l-appoġġ għall-ordni globali bbażata fuq ir-regoli u fuq il-valuri bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tagħha u n-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha. B'dan il-mod, l-azzjoni esterna tal-UE tippromwovi r-rwol u l-impatt ġeopolitiku tal-UE, issaħħaħ l-inflwenza strateġika tagħha fil-livell dinji, issaħħaħ il-kompetittività u s-sigurtà ekonomika tal-UE u tas-sħab tagħha, inkluż permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa.
2. Il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u s-Sħubijiet Internazzjonali tal-UE huma sforz multidimensjonali. Meta jitqies ix-xenarju internazzjonali li qed jevolvi, l-UE għandha tkun lesta li tadatta u tinfina l-approċċ tagħha għall-istrumenti ta' azzjoni esterna, fost oħrajn billi tiżgura l-allinjament mal-prijoritajiet politiċi tal-UE, billi tippromwovi multilateraliżmu effettiv. Filwaqt li jibni fuq ir-riżultati miksuba fi ħdan il-Global Gateway, is-settur privat għandu jkun involut aktar fl-attivitajiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-livell lokali fil-pajjiżi sħab abbażi ta' kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn id-delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE.

3. Il-Kunsill josserva li l-UE u l-Istati Membri tagħha meħudin flimkien huma l-akbar sieħeb fil-qasam tal-iżvilupp fid-dinja – billi jagħtu 42 % tal-ghajjnuna uffiċjali globali għall-iżvilupp – u l-akbar blokk kummerċjali, kif ukoll fornitur kbir ta' għajjnuna umanitarja fil-livell dinji. B'approċċ ta' Tim Ewropa, l-UE u l-Istati Membri jsalvaw il-ħajjiet, itaffu t-tbatija, jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli, għall-qerda tal-faqar, għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi u għall-paċi u l-istabbiltà, anke permezz tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi, kif ukoll jindirizzaw it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità.
4. Il-Kunsill jenfasizza li l-koerenza bejn il-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp, l-affarijiet barranin, il-klima, l-ekonomija, il-kummerċ, is-sigurtà, id-difiża u l-migrazzjoni, kif ukoll bejn il-politiki interni tagħha b'mod aktar ġenerali, għandha tiġi msaħħa f'konformità mal-kompetenzi rispettivi u, fejn xieraq, tiġi ffaċilitata mill-istrumenti ta' finanzjament estern tagħha.
5. Il-Kunsill jilqa' tajjeb ir-Rapport Annwali 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2023, u l-isforz tar-rapport biex juri kif l-azzjoni esterna tal-UE tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet politiċi tal-UE. Ir-rapport ikopri aspetti ewlenin tal-appoġġ finanzjarju mogħti mill-UE fl-2023 lis-sħubijiet internazzjonali, il-politika Ewropea tal-viċinat, l-ghajjnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili, il-politika tal-UE dwar it-tkabbir, il-paċi, is-sigurtà u d-difiża, ir-rispons u t-tħejjija għall-kriżijiet, u l-appoġġ mogħti lill-oġettivi ġeostrateġiċi tal-UE. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta aktar dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, kif inhu rakkomandat fl-Opinjoni 03/2024 tal-QEA, u dwar ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-QEA fir-rapporti u l-opinjonijiet tagħha. Il-Kunsill japprezza l-pubblikazzjoni f'waqtha tar-rapport f'konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament dwar l-NDICI-Ewropa Globali.
6. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tar-rapport għat-trasparenza u r-responsabbiltà tal-azzjoni esterna tal-UE, u b'hekk jagħti informazzjoni essenzjali għall-eżerċitar tad-direzzjoni politika tagħha. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol importanti tar-rapporti annwali u tas-sistema sottostanti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fl-evalwazzjoni tal-progress tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tar-rappurtar dwar ir-risultati.

7. Il-Kunsill jilqa' tajjeb ir-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway li tappoġġa l-politika tal-UE dwar l-iżvilupp u għanijiet ta' politika oħra tal-UE, kif ukoll il-kisbiet tal-approċċ ikkoordinat sew ta' Tim Ewropa, fosthom l-implimentazzjoni tal-inizjattivi ta' Tim Ewropa. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu juru eżempji ta' proġetti tal-Global Gateway kif meħtieġ, biex iżidu l-viżibbiltà tal-implimentazzjoni tal-Global Gateway. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-involviment tal-UE mas-settur privat, fost oħrajn biex jiżdiedu l-investimenti fl-iżvilupp sostenibbli u tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE. Il-Kunsill japprezza l-isforzi fl-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway, fosthom l-approvazzjoni ta' proġetti emblematiċi, l-ewwel Forum tal-Global Gateway u t-tneċċija tal-Kuritur ta' Lobito.
8. Il-Kunsill japprezza l-fatt li r-rapport jippreżenta l-appoġġ li l-UE kompliet tagħti biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikabbli, mhux provokata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna, fost oħrajn appoġġ mogħti lill-Ukrajna u lis-sħab milquta l-aktar fil-madwar, kif ukoll lil pajjiżi sħab mill-bqija tad-dinja. L-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħhom fil-perkors Ewropew tagħhom. Il-Kunsill jenfasizza li l-appoġġ tal-UE għall-pajjiżi sħab l-oħra għadu qawwi wkoll, b'mod partikolari l-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs) u l-pajjiżi l-aktar vulnerabbli u fraġli. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza tal-għajnuna umanitarja mogħtija lil Gaza, lis-Sudan u lil żoni oħra milquta minn kunflitt fl-2023, b'mod sikur u mingħajr xkiel u f'konformità mal-prinċipji umanitarji.
9. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-approċċ ta' sħubija, filwaqt li jenfasizza s-sjieda u d-djalogu politiku regolari mal-pajjiżi sħab. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tas-Summit bejn l-UE u s-CELAC u s-Summit tal-Balkani tal-Punent għall-impenn tal-UE fir-relazzjonijiet esterni. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-Ftehim ta' Samoa¹ bħala mod kif tissaħħaħ il-kooperazzjoni fid-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istabbiltà makroekonomika, l-ekonomija u l-kummerċ, it-tranżizzjoni lejn enerġija ekoloġika, il-migrazzjoni u l-mobbiltà. Il-Kunsill jilqa' tajjeb ukoll il-Memorandum ta' Qbil dwar sħubija strateġika u globali bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija.

¹ Ftehim ta' sħubija bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

10. Il-Kunsill japprezza li r-rapport jippreżenta l-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp tal-bniedem, b'mod partikolari s-saħħa u l-edukazzjoni, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi, fosthom l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, l-enerġija u l-isfidi emerġenti, kif ukoll l-appoġġ u l-impenji rigward il-finanzjament relatat mal-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-finanzjament għall-klima jiżdied, fost oħrajn permezz ta' mobilizzazzjoni privata, li jindirizza kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament u jilħaq l-aktar komunitajiet vulnerabbli, inkluż l-LDCs, l-Istati Gżejjer Żgħar Li Qed Jiżviluppaw u l-Pajjiżi Mingħajr Kosta Li Qed Jiżviluppaw. Il-Kunsill josserva li l-korruzzjoni hija ostaklu serju għall-iżvilupp sostenibbli u jenfasizza li l-isforzi kontra l-korruzzjoni huma kritiċi għal aktar trasparenza u effiċjenza. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-importanza tas-sjieda lokali u josserva li l-pajjiżi sħab għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-iżvilupp tagħhom.
11. Il-Kunsill jilqa' tajjeb l-attenzjoni li r-rapport iddedika għall-migrazzjoni u l-ispostament furzat, u jfakkar fl-importanza li jitfasslu, jiġu ffinanzjati u implimentati inizjattivi tal-UE li b'mod partikolari jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, inkluż l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tagħhom, l-appoġġ għall-komunitajiet ospitanti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni sostenibbli kif ukoll il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-migrazzjoni regolari fuq l-iżvilupp, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tenfasizza l-appoġġ tal-UE biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.
12. Il-Kunsill japprezza l-enfasi tar-rapport fuq l-appoġġ tal-UE għat-tranżizzjoni diġitali tal-pajjiżi sħab, li għaliha infrastruttura diġitali sigura u affidabbli hija prerekwiżit fundamentali. Il-Kunsill jilqa' tajjeb l-attenzjoni li nġhatat lill-attivitajiet taċ-Ċentru Diġitali għall-Iżvilupp (Ċentru D4D) li jippromwov u b'mod attiv fil-pajjiżi sħab il-mudell tal-UE ta' trasformazzjoni diġitali ċċentrat fuq il-bniedem, kif ukoll l-attenzjoni akbar li l-Kummissjoni qed tagħti għar-reżiljenza ċibernetika, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċibernetiċi u l-intelliġenza artifiċjali.

13. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu mmonitorjati l-impatti u li jiġi żgurat li l-istrumenti esterni tal-UE jilhq u b'mod effettiv il-miri kollha stipulati fl-oqfsa legali rispettivi tagħhom u fil-gwida politika u strateġika tal-Kunsill. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi li saru biex bejn l-2021 u l-2023 jinkiseb sehem ta' 35.5 % tal-impenji totali tal-ġajnuna uffiċjali għall-iżvilupp biex jingħata appoġġ lill-protezzjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, 15.0 % tal-impenji totali għall-migrazzjoni u l-ispostament furzat, 12.9 % b'appoġġ għall-edukazzjoni, 22.1 % f'kontribut għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, kif ukoll ix-xejra favur sehem ta' 85 % ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-Kunsill jieħu nota tal-progress li sar favur il-miri istituzzjonali u strateġiċi stipulati mill-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III "Aġenda Ambizzjuża għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE", kif intlaqa' permezz tal-konklużjonijiet tal-Presidenza u kif inhu rifless fir-Rapport Annwali. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi kostanti tagħha biex tilħaq il-mira klimatika u l-mira G2 għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-NDICI-Ewropa Globali u tkompli tagħti aġġornamenti annwali lill-Kunsill. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni tenfasizza, frapporti futuri, id-data dwar il-miri kollha u dwar l-azzjoni tal-UE fl-LDCs.
14. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir id-diversità tal-ġhodod u tal-modalitajiet ta' implimentazzjoni previsti mill-istrumenti ta' azzjoni esterna, bħala assi għas-sħubijiet internazzjonali tal-UE. Dan jippermetti lill-UE tfassal reazzjonijiet xierqa u flessibbli għall-isfidi globali u tadotta approċċi mfassla apposta u differenzjati, li jsaħħu l-pożizzjoni tal-UE bħala sieħeb affidabbli. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur tal-ħidma ma' diversi sħab fl-implimentazzjoni, inkluż mal-istituzzjonijiet tal-finanzi għall-iżvilupp Ewropej, l-aġenziji għall-iżvilupp u l-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni, u r-rikorrenza għal firxa wiesgħa ta' modalitajiet ta' kooperazzjoni, bħall-kooperazzjoni teknika, l-iskambji bejn il-pari, l-assistenza teknika, il-ġemellaġġ, l-appoġġ baġitarju, l-appoġġ għall-proġetti, il-finanżjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-atturi lokali, u l-ġhodod ta' taħlit u ta' investiment.
15. Il-Kunsill japprezza t-titjib kontinwu tar-rappurtar mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE dwar ir-riżultati konkreti tal-proġetti u l-programmi tal-UE, fosthom l-Annessi dwar ir-Riżultati u l-Finanzi, u l-aġġornament kontinwu tal-Inizjattivi online ta' Tim Ewropa u t-traċċar konġunt tal-programmazzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' tajjeb l-Annessi l-ġodda tal-Appoġġ Baġitarju u t-taqsimha l-ġdida dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi valutazzjoni ġenerali qasira tal-istat tal-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp fir-rapport li jmiss.

16. Il-Kunsill iheggegħ lir-Rappreżentant Għoli tistieden lid-Delegazzjonijiet tal-UE jeżerċitaw bis-sħiħ ir-rwol ta' koordinazzjoni tagħhom għal Tim Ewropa billi jinvolvu mill-qrib lill-ambaxxati tal-Istati Membri residenti u mhux residenti.
17. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jkomplu jissaħħu l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, fost oħrajn permezz ta' koordinazzjoni mill-qrib fil-livell tal-pajjiżi sħab bejn il-Kumitati tat-Tmexxija għad-Delegazzjonijiet u l-ambaxxati tal-Istati Membri, filwaqt li jirriflettu l-ispeċifitajiet tal-pajjiżi u dawk reġjonali. Il-Kunsill jilqa' tajjeb l-organizzazzjoni ta' missjonijiet politiċi ta' livell għoli f'format ta' Tim Ewropa li jikkontribwixxu għall-viżibbiltà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha bħala sħab kredibbli u affidabbli għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jappoġġa wkoll attivitajiet biex jiġu miġġielda l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, inkluż id-diżinformazzjoni.
18. Il-Kunsill jilqa' tajjeb l-isforzi biex jiġu promossi opportunitajiet indaqs u jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.
19. Il-Kunsill jappella għal riflessjoni kollettiva dwar il-format tar-rapport fil-futur bil-ħsieb li titjieb id-disponibbiltà f'waqtha tad-data, li tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni dwar ir-riżultati filwaqt li jinżamm ir-rwol importanti tar-rapport fl-irfigħ tar-responsabbiltà. F'dan ir-rigward, jenfasizza wkoll l-importanza tal-komparabbiltà tad-data matul is-snin.
